MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 109/2005

Kawza fil-lista: 31

**A B**
**Vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fit-tlieta (3) ta' Gunju 1997, fir-Registru Pubbliku fil-Belt Valletta;

Premess illi dan iz-zwieg gie skritt fir-registri tar-Registru Pubbliku bhala Att taz-Zwieg Numru 946 tas-sena 1997;

Peress illi l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat ukoll b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom;

Peress illi l-kunsens inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

Tiddikjara z-zwieg kontratt bejn il-kontendenti fit-tlieta (3) ta' Gunju 1997 bhala null u bla effett ghal kull fini u effett tal-ligi u taghti kull provvediment opportun sabiex id-Direttur tar-Registru Pubbliku jannota tali nullita' ta' l-Att taz-Zwieg numru 946 tas-sena 1997.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut huwa null fil-ligi stante li l-vizzju tal-kunsens matrimonjali tal-konvenut jinsab vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] u l-paragrafu [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Il-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi u taghtiha affidament.

Mill-provi rrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-3 ta' Gunju 1997 wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ftit xhur.

Sussegwentement wara gimgha mid-data taz-zwieg il-konvenut telaq lill-attrici minghajr ma nformaha fejn kien sejjer. Wara tlett xhur irritorna fid-dar matrimonjali fejn dam jghix mal-attrici xaharjen, u mbaghad telaq u ma tfaccax aktar; u l-attrici tikkonferma li ma tafx fejn jinsab. Kemm fl-affidavit taghha kif ukoll fid-deposizjoni taghha quddiem din il-Qorti l-attrici qalet li, ghalkemm qabel iz-zwieg il-konvenut kien qallha li hu kellu l-professjoni ta' ghalliem u li hekk kif jizzewweg u jgib il-passaport Malti huwa kien ikun jista' jibqa' Malta u jahdem bhala teacher. Qallha wkoll li kien lest jbiddel ir-religjon tieghu. Izda appena zzewweg l-attitudini tieghu fil-konfront ta' l-attrici tbiddlet kompletament u mill-provi jirrizulta car li huwa <u>qatt ma kellu l-hsieb li jghix il-hajja matrimonjali ma' l-attrici</u>, izda kien izzewweg <u>biss</u> biex jikseb passaport Malti.

Mill-kwadru premess jirrizulta car li fil-kaz odjern jikkonfigura l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-Artikolu precitat, da parti tal-konvenut; u ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata u z-zwieg huwa null ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-3 ta' Gunju 1997, u tordna li ssir id-debita annotazzjoni da parti tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fl-att taz-zwieg relattiv li jgib in-numru 946/1997. Bl-ispejjez a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------